MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Numru. 113/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
vs
Raymond Muscat

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Raymond Muscat, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 211070(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi jum matul il-perjodu bejn it-3 ta' Settembru 2001 u is-sitt xhur ta' qabel din id-data ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' mejda tal-hadid, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-persuna, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem 'Dolphine Forge Industrial Services Ltd' ;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistat b'reat, sew

jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi kien sar rapport lill-pulizija fil-bidu ta' Settembru 2001 mill-proprjetarju tad-Dragon Forge sitwat f'Tal-Pieta fis-sens illi kienu qeghdin jonqsulhom diversi ghoddod u kellhom suspett serju illi diversi haddiema minn taghhom kienu involuti f'dan is-serq. Il-pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, arrestat diversi persuni, u fost in-nies li kellmu l-pulizija kien hemm l-imputat fuq imsemmi.

Illi saret tfittxija fil-proprjeta ta' l-imputat illi irrizultat fin-negattiv u l-imputat cahad kategorikament illi kien involut f'xi serq ta' ghoddod. Huwa qal illi l-unika incident illi deherlu li setgha kien involut fih kien meta mill-hanut tieghu kien biegh xi mejda waqt li kien jahdem mal-funderija. Huwa spjega lill-pulizija, dan dejjem skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Bartolo, illi fil-fonderija kienu saru ammont ta' imwejjed tal-hadid u kienu qeghdin fil-fonderija. Darba fost l-ohrajn gie is-Sur Joseph Bondin, li kien foreman fil-fonderija, kien hbieb ma l-imputat u meta ra dawn it-tavolini zghar tal-hadid, ghogbitu wahda minnhom u esprima l-fatt illi kienet ghogbitu u l-imputat hass illi allura setgha jaqbad u jaghtihielu u dana minghajr ma talab permess ta' l-imghallem tieghu.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija illi tinsab esebita f'dawn l-atti.

Illi l-pulizija kellmet ukoll lil Bondin illi ammetta illi kien talab mejda lill-imputat, pero' qal illi ma kienx jaf illi l-imputat ma setghax jaghtih il-mejda. Is-Sur Bondin qal illi l-mejda kien taha lit-tifla tieghu u effettivament il-mejda giet rikuperata mill-pulizija.

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija ohra lill-pulizija u hija f'din it-tieni stqarrija li tkellem dwar din il-mejda tal-hadid. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi Joseph Bondin kienet ghogbitu l-mejda tal-hadid u huwa kien qallu illi dik kien ghamilha hu u kienet baqghet zejda. Bondin kien foreman fuqu qabel, kienu hbieb hafna u l-imputat iddecieda li jghidlu jiehu l-mejda, li ma kellhiex wicc ta' l-irham, imma kienet biss tal-hadid. L-imputat qal illi l-mejda kienet ta' l-imghallem Louis Farrugia fis-sens illi huwa kien uza materjal ta' l-imghallem biex hadimha. Pero' dak il-hin il-mejda kienet tieghu ghaliex l-imputat kien ihallsu l-imqieta. Huwa kien jaf li ma setghax jaqbad u jiehu l-mejda ghaliex kienet ta' l-imghallem u kien ftiehem ma l-imghallem fuq il-hlas ta' dawn l-imwejjed ghaliex huwa ma kienx ifittex ma l-imghallem, pero' xorta wahda ha l-mejda u ghamel hekk peress illi ra illi kienet ghogbot lil Joseph Bondin. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi Joseph Bondin ma tah xejn ghal din il-mejda. L-imputat qal ukoll illi gieli kien jaghmel xoghol personali mill-garaxx ta' Louis Farrugia, pero' kien ikun materjal tieghu u rigward spejjez ta' dawl kien jirranga ma l-imghallem.

Illi xehed Raymond Bondin illi qal illi kien jahdem id-Dolphin Forge bhala foreman u wara li kien waqaf mix-xoghol kien xorta wahda imur id-Dolphone Forge jara lil shabu. Dwar il-mejda zghira tal-hadid, huwa qal li kien qieghed ikellem lill-imputat, qallu li kienet toghgbu hafna l-mejda. L-imputat staqsih jekk riedhiex u huwa qallu li riedha. L-imputat kien qallu li l-mejda kienet tieghu u kien tahielu. Huwa hadha d-dar, zebghaha, ghamlilha wicc tal-irham u taha lit-tifla tieghu. Bondin xehed ukoll illi kien jaf

illi l-imputat kien jahdem by ‘piece work’, jigifieri ilesti bicca xoghol, umbaghad jithallas taghha. Meta ilestu xogholu, l-imputat kien jaghmel xoghol tieghu personali, u dan l-imghallem kien jafu. Huwa xehed ukoll illi l-imputat kien qallu li kellu wkoll imwejjed ohrajn bhalha li kien ghamilhom zejda. Huwa xehed illi offra li jhallas lill-imputat ta’ din il-mejda, izda l-imputat ma riedx flus, u tahielu b’xejn.

Illi xehed Daniel Farrugia, il-propretarju tal-Dolphin Forge, u qal illi l-mejda in kwistjoni hija proprjeta tieghu u tiswa madwar hamsin lira. Huwa xehed illi l-imputat kien impjegat mieghu u kien jaghmel ix-xoghol li jghidlu hu. Il-materjal dejjem kien tal-propretarju u mhux ta’ l-imputat u qatt ma hadem affarijiet tieghu personali fil-fabbrika tieghu. Huwa xehed illi l-mejda tal-hadid biss hija tieghu u mhux il-wicc ta’ l-irham.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi meta kien ikun hemm hafna xoghol huwa kien jahdem bil-piece work, jithallas skond kemm jaghmel xoghol. Huwa ikkonferma l-istqarrijiet illi irrilaxxja lill-pulizija u, dwar il-mejda li ghadda lil Louis huwa xehed illi ma kienx thallas ghaliha, peress illi l-imghallem ma kienx ghadu ghamel ir-rendikont u hallsu tax-xoghol illi kien ghamel. L-imputat xehed illi huwa kien hadem ghoxrin mejda zejda. Huwa ma kienx ifittex ma Louis u kien qal lil Louis biex ma jhallsux ta’ dawn l-ghoxrin mejda li kien hadem zejda. L-imputat xehed ukoll illi kien juza l-materjal tieghu stess fil-fabbrika u irranga ma l-imghallem fuq id-dawl, kif qal del resto fl-istqarrija tieghu. L-imputat xehed illi din il-mejda kienet tiswa madwar tletin lira. Huwa cahad illi l-mejda kienet suppost ordnata biex tmur banda ohra u xehed ukoll illi dawn l-ghoxrin mejda kienu l-unici imwejjed illi qatt hadem u li ma kienx ser jithallas ghalihom.

Ikkunsidrat :

Illi wara illi l-Qorti rat il-provi kollha li gew prodotti u fliet l-atti kollha ta’ dan il-procediment tara illi ma jirrizultawx mill-atti kommessi mill-imputat l-elementi tar-reat ta’ serq.

Illi minn dak illi ghamel l-imputat huwa ma akkwista l-ebda vantagg ghalih jew ghal terzi persuni u dak illi ghamel ma ghamlux b’intenzjoni ta’ serq, bl-animo lucrandi.

Illi irrizulta illi l-hadid ta’ din il-mejda kienu ta’ sid il-Dolphin Forge u wkoll illi l-mejda hadimha l-imputat matul il-hin tax-xoghol tieghu, izda irrizulta wkoll illi l-imputat kien ghadu ma thallasx ghal din il-mejda illi kien hadem.

Illi meta ghadda din il-mejda lis-Sur Bondin l-imputat ghamel hekk mhux b’xi intenzjoni hazina, mhux biex jaghmel xi profitt ghalih, izda biss ghaliex ra illi kienet ghogbot lis-Sur Bondin, ex foreman tieghu u habib tieghu u ghalhekk xtaq jaghtihielu.

Illi certament kif diga intqal dan kollu ma jammontax ghar-reat ta’ serq u lanqas ghar-reat ta’ ricettazzjoni.
Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi <u>mhux hati</u> ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------